MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Diċembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 65/2021 LM

**Avv. Dr. Andrew Borg Cardona bħala mandatarju ta' Thilo Kuhlmann (KI 149087M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Leo Vegas Gaming plc (C 59314)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Avv. Dr. Andrew Borg Cardona bħala mandatarju ta' Thilo Kuhlmann (KI 149087M)** [aktar 'il quddiem 'l-appellant'], minn deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] tad-9 ta' Ġunju, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni

appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal iddispona mill-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà intimata **Leo Vegas Gaming plc (C 59314)** [aktar 'il quddiem 'l-appellata] illi eċċepiet li r-rikors promotur ġie ppreżentat *fuori termine*, billi laqa' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà intimata u ddikjara li l-każ odjern iddekada u li dawn il-proċeduri ma jistgħux jitkomplew.

## Fatti

2. Fir-rikors promotur tiegħu, ir-rikorrent talab li t-Tribunal jiddikjara li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg mas-soċjetà intimata kienet waħda inġusta u dan *ai termini* tal-artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u talab li konsegwentement it-Tribunal, (i) jagħti rimedju opportun, inkluż il-likwidazzjoni ta' kumpens pagabbli lir-rikorrent; u (ii) jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent il-kumpens hekk kif likwidat.

## L-eċċezzjoni prelimiari tas-soċjetà intimata

3. Minbarra l-eċċezzjonijiet tagħha fil-mertu, is-soċjetà intimata eċċepiet b'mod preliminari illi t-temm tal-impjieg tar-rikorrent minn mas-soċjetà intimata, seħħ fid-9 ta' Settembru, 2020 u dan kif jikkonferma r-rikorrent stess fir-rikors tiegħu, u kif jirriżulta wkoll mill-ittra tat-terminazzjoni, filwaqt li r-rikors promotur ġie ppreżentat fil-11 ta' Jannar, 2021, u ċjoè iktar minn erba' xhur mid-9 ta' Settembru, 2020, ossija mid-'data effettiva tat-temm tal-impjieg'. Dan meta l-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 jimponi terminu ta' erba' xhur, liema terminu huwa ta' dekadenza u mhux prorogabbli u/jew interrompibbli, u għalhekk ir-

rikors promotur huwa *fuori termine*. Is-soċjetà intimata ssostni li ma jista' jkun hemm l-ebda ġustifikazzjoni għal dan id-dewmien u lanqas hija sitwazzjoni li tista' tiġi ssanata. Ir-rikors promotur kellu jiġi ppeżentat entro erba' xhur mid-data effettiva tat-temm tal-impjieg, u ċjoè mhux iktar tard mid-9 ta' Jannar, 2021, li però kien jaħbat is-Sibt, u r-rikors promotur ġie ppreżentat jumejn wara, fil-11 ta' Jannar, 2021.

4. Min-naħa tiegħu r-rikorrent jgħid illi meta kien jagħlaq it-terminu għall-preżentata tar-rikors, fid-9 ta' Jannar, 2021, kien il-jum tas-Sibt, u allura r-Reġistru tal-Qrati Superjuri fejn kellha ssir il-preżentata tar-rikors, kien magħluq. Ir-rikorrent jagħmel riferiment għall-artikolu 77(1) tal-Kap. 452, li jgħid illi t-Tribunal għandu dawk is-setgħat li bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma mogħtija lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla u r-Reġistru tat-Tribunal huwa r-Reġistru tal-Qrati Ċivili. Ir-rikorrent jgħid li f'dan il-każ kellu japplika l-artikolu 108 tal-Kap. 12, li jistipula li jekk l-aħħar jum ta' xi terminu legali jew ġudizzjarju jkun fi tmiem il-ġimgħa jew f'xi festa pubblika, it-terminu għandu jitqies li jiskadi fil-jum li jiġi minnufih wara, li ma jkunx wieħed minn dawk il-jiem.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Ġunju, 2021, it-Tribunal iddeċieda l-vertenza odjerna wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar id-dati rilevanti voldieri d-data tat-terminazzjoni tal-impjieg, id-9 ta' Settembru 2020 u d-data tar-Rikors promotorju, 11 ta' Jannar 2021.*

*Ir-Rikorrent irritjena li d-data fatali tal-għeluq l-erba' xhur mil-liċenzjament kienet id-9 ta' Jannar 2021 iżda din id-data ħabtet fil-jum tas-Sibt meta r-Reġistru tal-Qorti Superjuri jkun magħluq u għaldaqstant japplika l-Artikolu 108 tal-Kap 12 li jgħid li jekk xi terminu jew ġudizzjarju jkun xi jum meta r-Reġistru jkun magħluq minħabba li ma tkunx ġurnata tax-xogħol it-terminu għandu jiskadi fil-jum li jiġi minnufih wara. Is-Soċjetà Intimata tgħid li f'dan il-każ japplika l-Kap 452 li fih hemm speċifkament imsemmi il-perijodu ta' erba' xhur. Dan il-perijodu skont hu ma jistax jiġi mtawwal.*

*L-abbli avukat tar-Rikorrent għamel referenza għall-Artikolu 77(1) tal-Kap 452 li jagħtih is-setgħat li skont is-COCP huma mogħtija lill-Qorti Ċivili Prim'Awla. Għaldaqstant meta ġie ntavolat ir-Rikors promotorju il-każ kien għadu entro termine.*

*It-Tribunal iqis illi l-każ quddiemu jaqa' taħt il-Kap 452. Din hija lex specialis u għaldaqstant hija din il-liġi li tapplika. Il-liġi tistipula perijodu ta' erba' xhur. Dan huwa terminu perentorju u ma jista' bl-ebda mod jiġi mibdul jew imtawwal.*

*It-Tribunal Industrijali jiddeċiedi li kien skada l-perijodu ta' erba' xhur mil-liċenzjar tar-Rikorrent meta kien intavolat ir-Rikors promotur b'hekk dan sar fuori termine. It-Tribunal jilqa' l-eċċezzjoni sollevata mis-Soċjetà Intimata u għaldaqstant il-Każ jiddekorri u dawn il-proċeduri ma jistgħux jitkomplew.",*

## **L-Appell**

6. L-appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fil-21 ta' Ġunju, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tħassar u tirrevoka kompletament id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fid-9 ta' Ġunju, 2021 fil-Kwistjoni tax-Xogħol bejn Avv. Dr. Andrew Borg Cardona bħala mandatarju ta' Thilo Kuhlmann u Leo Vegas Gaming plc u minflok tiddikjara li l-każ tal-appellant ġie ppreżentat fi żmien utili u huwa għalhekk validu skont il-liġi u konsegwentement, tirrimanda l-atti lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex dan ikompli jisma' l-każ fil-meritu.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà intimata."*

7. L-appellant spjega li huwa ħass ruħhu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali għaliex dan kien legalment żbaljat meta qies li l-każ tal-appellant ġie ppreżentat tardivament u dan primarjament minħabba li skarta l-applikazzjoni tal-artikolu 108 tal-Kap. 12. It-terminu ta' erba' xhur għall-preżentata tal-każ min-naħa tal-appellant kienu jagħlqu fid-9 ta' Jannar, 2021, li kien il-jum tas-Sibt u li allura ma kienx jum li fih ir-Reġistru tal-Qrati Superjuri ikun miftuħ. L-appellant ippreżenta l-każ tiegħu fil-jum tax-xogħol li kien isegwi, u ċjoè it-Tnejn 11 ta' Jannar, 2021, u dan *ai termini* tal-artikolu 108 tal-Kap. 12. L-appellant jgħid illi għalkemm il-Kap. 452 huwa liġi bi skop ta' applikazzjoni speċjali, u ċjoè li jirregola l-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali, dan ifisser illi mhuwiex liġi ta' proċedura u allura fejn ikun hemm lakuni ta' indoli ritwali, dawn għandhom jiġu determinati skont il-prinċipji ġenerali tal-proċedura ġudizzjarja, li fl-ordinament ġuridiku tagħna, huma kontenuti fil-Kap. 12. L-appellant qal illi huwa stat ta' fatt li in prattika t-Tribunal Industrijali m'għandux Reġistru tiegħu proprju sabiex issir il-preżentata tal-atti promoturi, u allura l-preżentata ta' tali atti ssir fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, u dan il-fatt waħdu wkoll jiġġustifika li r-regoli li jiggvernaw l-operat prattiku tar-Reġistru tal-Qrati Superjuri, għandhom japplikaw ukoll għall-preżentata ta' atti pertinenti għat-Tribunal ladarba dawn jiġu ppreżentati hemmhekk.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. Fir-Risposta tal-Appell tagħha, is-soċjetà appellata qalet li d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha u l-appell interpost mill-appellant għandu jiġi miċħud.

9. Is-soċjetà appellata tgħid illi l-artikolu 77 tal-Kap. 452 jitkellem dwar is-setgħat tat-Tribunal, u mhux il-proċedura applikabbli. Il-Kap. 452 ma jridx li kull regola ta' proċedura li tapplika għall-Qrati Ċivili għandhom japplikaw ukoll għat-Tribunal Industrijali, u dan proprju għaliex il-leġislatur ma jridx illi kawżi li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal jiġu ttrattati daqs li kieku huma kawżi li qegħdin isiru quddiem xi Qorti. Is-soċjetà appellata tgħid illi f'dan il-każ ma jeżisti l-ebda provvediment illi jagħti xi setgħa lit-Tribunal illi jvarja, jew jestendi il-perijodu ta' dekadenza, u lanqas ma jeżisti xi provvediment illi jagħti lok għal xi estensjoni bħalma wieħed isib fl-artikolu 108 tal-Kap. 12. Is-soċjetà appellata tgħid illi li kieku l-leġislatur ried jagħmel riferiment għal xi regola ta' proċedura li hija regolata permezz tal-Kap. 12, kien jagħmel dan b'mod espliċitu. Is-soċjetà appellata tgħid ukoll li mhux talli l-leġislatur ma riedx illi t-Tribunal Industrijali jopera bl-istess regoli ta' proċedura tal-Qrati, ħlief fejn indikat espliċitament bħala eċċezzjoni, iżda saħansitra mar pass oltre u fl-artikolu 78(3) tal-Kap. 452 hemm stipulat li bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Att u ta' kull regola magħmula jew li huma meqjusa li saru taħt dan l-artikolu, it-Tribunal għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess. Skont is-soċjetà appellata dan ifisser illi ħlief kif jiddisponi l-Kap. 452, ir-regoli ta' proċedura huma fid-diskrezzjoni tat-Tribunal, li allura minn banda mhuwiex obbligat japplika r-regoli kollha ta' proċedura *ai termini* tal-Kap. 12, u mill-banda l-oħra huwa marbut bla eċċezzjoni li japplika r-regoli ta' proċedura magħmula fl-Att, inkluż it-terminu ta' erba' xhur. Il-Kap. 452 ma jagħmel l-ebda riferiment għall-artikolu 10 tal-Kap. 12 u għaldaqstant l-artikolu 108 ma jistax jiġi applikat arbitrarjament mill-appellant. Is-soċjetà appellata tisħaq illi r-regola li kienet tapplika fil-każ tal-appellant, kienet dik li kellu jippreżenta r-rikors promotur mhux iktar tard minn erba' xhur

mid-data effettiva tal-ksur allegat, u l-fatt li l-erba' xhur skadew is-Sibt, u r-Reġistru kien magħluq is-Sibt, ma jfissirx li l-appellant ma kellux erba' xhur biex jintavola l-kawża. Is-soċjetà appellata tgħid li l-appellant ma kellu ebda raġuni biex jista' jiġġustifika l-fatt illi ntavolaha tardivament. Is-soċjetà appellata tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Joseph Camilleri *vs.* Kummissarju tat-Taxxi Interni**[1]:

> *"kif saput it-terminu stabbilit huwa wieħed fatali u ma jistax jiġi sanat b'xi re-integranda. L-appellant kellu jissodisfa din l-esiġenza proċedurali skont il-vot tal-liġi u dan ma għamlux, l-appell tiegħu ma jistax ħlief jitqies irremedjabilment irritwali. Tabilħaqq, ikollu jingħad b'repetizzjoni, illi 'of course the fact that the delay was only of one day cannot unfortunately for the applicant help him' ("A.B. -vs- Commissioner of Inland Revenue", Każ Numru 85, Appell, 5 ta' Marzu, 1971)".*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. L-appellant appella minn deċiżjoni preliminari tat-Tribunal tad-9 ta' Ġunju, 2021, fejn ġie deċiż li r-rikors promotur ġie ppreżentat *fuori termine* 'il għaliex kien skada t-terminu stabbilit mil-liġi ta' erba' xhur mil-liċenzjar tal-appellant, li huwa terminu perentorju li ma jista' bl-ebda mod jiġi mibdul jew imtawwal, u għaldaqstant il-każ iddekada, u ma setax jitkompla s-smigħ tiegħu. Min-naħa tiegħu l-appellant jikkontendi illi ladarba d-data tal-għeluq tal-erba' xhur mil-liċenzjament, id-9 ta' Jannar, 2021, kienet is-Sibt meta r-Reġistru tal-Qrati Superjuri jkun magħluq, japplika għalhekk l-artikolu 108 tal-Kap. 12, li jgħid jekk xi terminu legali jew ġudizzjarju jiskadi f'xi jum meta r-Reġistru jkun magħluq għaliex ma jkunx ġurnata tax-xogħol, it-terminu għandu jiskadi fil-jum

[1] 09.05.2006.

li jiġi minnufih wara. Min-naħa tagħha s-soċjeta appellata tgħid illi f'dan il-każ kellu japplika l-Kap. 452, fejn hemm stipulat speċifkament terminu ta' erba' xhur li huwa terminu perentorju ta' dekadenza.

11. Skont l-artikolu 78(3) tal-Kap. 452 it-Tribunal għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess, u tkun xi tkun il-proċedura li tiġi wżata, it-Tribunal għandu jieħu ħsieb jiżgura li l-ġustizzja ssir skont il-meriti tas-sustanza tal-każ; u, bla ħsara għar-regoli tal-ġustizzja naturali, it-Tribunal għandu jasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq kull ħaġa b'dak il-mod li jidhirlu xieraq. Permezz tal-leġislazzjoni sussidjarja 452.18 - 'Regoli dwar il-Proċedura tat-Tribunal Industrijali', ġew stabbiliti ċerti regoli proċedurali bażiċi applikabbli għat-Tribunal. Barra minn hekk il-Kap. 452 jadotta ċerti regoli proċedurali direttament mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), bħal pereżempju l-artikolu 76 tal-Kap. 452, li b'mod espliċitu jagħmel riferiment għall-artikolu 734 tal-Kap. 12 fir-rigward tar-raġunijiet għal rikuża jew astensjoni taċ-*Chairpersons* tat-Tribunal.

12. Skont l-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, meta jiġi allegat li ħaddiem ikun tkeċċa b'mod inġust minn principal, il-kawża għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru tat-Tribunal mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat. Għalkemm l-imsemmi artikolu tal-Kap. 452, li jistipula t-terminu għall-preżentata tar-rikors promotur f'kawża ta' din ix-xorta, jgħid li tali kawżi għandhom jiġu ppreżentati fir-Reġistru tat-Tribunal, fil-prattika dawn il-kawżi jiġu ppreżentati fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri u r-*records* tat-Tribunal

jinżammu hemmhekk.[2] Skont l-artikolu 77(3) tal-Kap. 452, it-Tribunal Industrijali għandu s-setgħat li bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma mogħtija lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla.

13. Il-vertenza odjerna hija dwar liema regoli għandhom japplikaw fl-eventwalità li t-terminu ta' erba' xhur stipulat fl-artikolu 75(3) tal-Kap. 452, ikun jiskadi fil-ġurnata tas-Sibt. Il-Qorti tirrileva li l-artikolu 75(3) ma jgħidx li f'każ li l-aħħar ġurnata tal-imsemmi terminu tkun taħbat fil-ġurnata tas-Sibt jew il-Ħadd, it-terminu għandu jiġi akkorċjat għal erba' xhur neqsin ġurnata jew tnejn, u lanqas ma jgħid illi r-rikors promotur għandu jiġi ppreżentat ġurnata jew tnejn qabel ma jiddekorri t-terminu, kif tikkontendi s-soċjetà appellata. Il-liġi ma tgħid lanqas illi għandu japplika l-artikolu 108 tal-Kap. 12, bit-terminu li jiskadi fil-ġurnata tat-Tnejn flok fil-ġurnata tas-Sibt jew il-Ħadd, kif jikkontendi l-appellant. Il-Qorti tirrileva li waqt it-trattazzjoni quddiem it-Tribunal, l-avukat difensur tas-soċjetà appellata sostna, illi kieku ried ir-rikorrent seta' jitlob illi jinfetah ir-Reġistru fil-ġurnata tas-Sibt biex ikun jista' jippreżenta r-rikors promotur tiegħu. Il-Qorti tirrileva illi l-Kap. 452 ma jipprovdix għall-eventwalità li l-aħħar ġurnata tat-terminu tkun is-Sibt jew il-Ħadd, tista' ssir talba biex jinfetaħ ir-Reġistru, b'applikazzjoni ta' dak li jipprovdi l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-Qorti tirritjeni li huwa ferm aktar loġiku u raġonevoli li minflok mar-rikorrent joqgħod jidħol fl-inkonvenjent ta' aktar spejjeż sabiex jitlob illi jinfetaħ ir-Reġistru għall-preżentata tar-rikors promotur, minflok ma jippreżenta ir-rikors promotur fil-ġurnata tas-Sibt, jippreżentah it-Tnejn ta' wara *ai termini* tal-artikolu 108 tal-Kap. 12. Il-Qorti tqis illi f'dan il-każ it-Tribunal kellu jirregola l-

[2] Ara l-artikolu 73(9) tal-Kap. 452.

proċedura tiegħu stess *ai termini* tal-artikolu 78(3) tal-Kap. 452, fis-sens li japplika l-artikolu 108 tal-Kap. 12 għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tħassar u tirrevoka kompletament id-deċiżjoni appellata, u minflok tiddikjara li l-każ tal-appellant ġie ppreżentat fi żmien utili u huwa għalhekk validu skont il-liġi u konsegwentement, tirrimanda l-atti lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex dan ikompli jisma' l-każ fil-meritu.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**